A.L. 5 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 dwar Stipendji għal Studenti Universitarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 41 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu, applikabilità u bidu fis-seħħ.

1. (a) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 dwar Stipendji għal Studenti Universitarji, u għandhom ikunu japplikaw għal dawk l-istudenti li jibdew korsijiet Universitarji fl-1 ta' Ottubru, 1997 jew wara dik id-data bl-eċċezzjoni ta' dawk l-istudenti li jkunu qegħdin jattendu korsijiet elenkati fil-paragrafu (b) ta' dan ir-regolament.

(b) Dawk l-istudenti li jkunu qegħdin jattendu korsijiet *full-time* fl-Institute of Health Care għandhom jibqgħu jirċievu stipendji taħt ir-Regolamenti ta' l-1994 dwar Rati Riveduti ta' Stipendji għal Studenti Universitarji.

A.L. 92 ta' l-1994.

(ċ) Dawn ir-Regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1998.

Ħlas ta' stipendji.

2. Għandu jitħallas stipendju fix-xahar ta' Lm50, għal kemm idum il-kors ta' studji li jkunu qegħdin jagħmlu, lil dawk l-istudenti li jsegwu korsijiet fl-Università ta' Malta illi –

(a) jkunu ċittadini ta' Malta, u

(b) jkunu irreġistraw bħala studenti regolari għal kors *full-time* ta' matul il-ġurnata fl-1 ta' Ottubru, 1997, u

(ċ) ma jkollhomx aktar minn 30 sena età meta jibda l-kors, u

(d) jkunu qegħdin jattendu regolarment u jagħmlu progress sodisfaċenti:

Iżda dawk l-istudenti li jkollhom iktar minn 30 sena meta jibdew il-kors u li jkunu jissodisfaw il-kondizzjoni l-oħra hawn aktar qabel stipulata, jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali, jingħataw stipendju meta dak l-istudent ikun is-sorsi prinċipali ta' għajxien fil-familja tiegħu u l-Bord *ad hoc* magħmul skond dawn ir-regolamenti iqis li jkun jistħoqqlu dik l-għajnuna;

Iżda wkoll, għandu jitħallas stipendju ta' kull xahar ta' Lm100, minflok dak ta' Lm50 hawn aktar qabel imsemmi, għal kemm idum il-kors, lil dawn l-istudenti:–

(i) studenti li jkunu qegħdin jattendu għal korsijiet fil-B.A. Hons. Social Work and Administration; u

(ii) studenti li l-ġenituri tagħhom ikunu qegħdin jirċievu għajnuna soċjali taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u li, fil-fehma tal-Bord *ad hoc*, jitqiesu bħala li jkollhom il-ħtieġa ta' għajnuna.

Kap. 318.

Perijodi ta' ħlas.

3. (1) L-istipendji għandhom jitħallsu matul is-sena akkademika, magħdudin il-Vaganzi tal-Milied u tal-Għid, iżda esklużi l-Vaganzi tas-Sajf.

(2) Meta l-għamla ta' korsijiet partikolari tkun hekk teħtieġ, il-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni jista' japprova l-ħlas ta' stipendju wkoll waqt il-Vaganzi tas-Sajf.

Korsijiet ta' l-istess livell.

4. B'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 1997, studenti li jkunu qegħdin isegwu t-tieni kors jew kors sussegwenti wara li jkunu temmew jew segwew in parti xi kors ieħor ta' l-istess livell, ma jkollhomx jedd jirċievu stipendju għal dak it-tul ta' perijodu ta' żmien li jkun ekwivalenti għal perijodu mgħoddi fil-kors ta' qabel, jekk għall-kors ta' qabel ikunu irċevew stipendju. Dawk l-istudenti jkollhom biss jedd għal stipendju għall-perijodu ta' żmien li jkun fadal wara li jintemm l-ewwel perijodu mingħajr stipendju.

Għamla tal-Bord *ad hoc*.

5. Il-Bord *ad hoc* imsemmi f'dawn ir-regolamenti ikun magħmul minn dawn il-membri:–

(a) *Chairman* u membru ieħor maħtur mill-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni;

(b) Membru maħtur mill-Ministru responsabbli għall-Finanzi;

(ċ) Membru maħtur mill-Ministru responsabbli għall-Ħarsien Soċjali;

(d) Membru maħtur mir-Rettur ta' l-Università ta' Malta.